Fl-Opinjoni tieghi naghmlu zball jekk meta nitkellmu dwar socjeta sekulari inhossu li qisna qed nitkellmu dwar socjeta mnezzgha mill-valuri religjuzi. L-ideja generali hi li f'socjeta sekulari r-religjon ma tiddettax id-decizjonijiet politici li jittiehdu. Ikun hemm differenza bejn l-Istat u l-Knisja. Minkejja dan huwa fatt li l-valuri morali li johorgu mir-religjon li nhaddnu, fil-kaz taghna r-religjon kattolika rumana ghandhom importanza politika f'pajjizna wkoll.

Fost l-elementi ewlenin ta' socjeta sekulari hemm il-pluralizmu u l-htiega tat-toleranza. Allura  f'dan l-ambjent huwa mportanti r-rispett lejn l-individwi u l-bzonn li tkun verament imharsa l-ugwaljanza. Kull persuna ghandu jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jirrealizza lilu nnifsu. Huwa fatt izda li s-sekularizmu jista' jwassal biex ir-religjon ma tibqghax meqjusa daqstant important biex il-bniedem jifhem id-dinja ta' madwaru. Dan ma jfissirx li l-membri ta' socjeta sekulari ma jemmnu f'xejn, Anzi! Huwa ghalhekk li l-knisja ghandha thares lejn dawn iz-zminijiet bhala opportunita bi sfidi godda.

Opportunita fejn il-knisja turi li kapaci tersaq eqreb tan-nies. In-nies iridu Knisja li tifhimhom, knisja li tifhem il-wegghat taghhom. Knisja li tkun proattiva aktar milli reattiva. Hadd m'hu qieghed jistenna li l-Knisja titkellem fuq il-politika partigjana tal-partiti, anzi jkun zball jekk il-knisja taghmel dan. Imma l-Knisja ghandha titkellem fuq il-politika tal-poplu

li tmur lil'hinn mill-politika tal-partiti. Huwa d-dmir tal-Knisja li tara l-gid komuni tal-individwu b'mod shih u mhux tiffoka biss fuq il-gid spiritwali tal-persuna.

Il-knisja bdiet taghmel dan u ghandha tkompli taghmel dan. Perezempju meta l-Papa Ljun XIII tkellem dwar ir-rivoluzzjoni industrijali u ghall-ewwel darba ressaq il-quddiem il-proposta li l-unions ikunu maghmula minn haddiema biss, kien qed jaghti l-bidu ghad-dritt tax-xoghol. Dan huwa pass fil-htiega li l-Knisja tkun fi djalogu kontinwu mas-socjeta ta' madwarha u minghajr ma tbiddel il-principji ewlenin taghha tgharaf taddatta ruhha ghac-cirkostanzi ezistenti. Il-Knisja m'ghandhiex toqghod tistenna li n-nies jersqu lejha imma ghandha tmur hi qrib in-nies u tiddjaloga maghhom.

Ghalhekk li l-mezzi tax-xandir huma ghodda important li l-knisja ghandha thaddan biex twassal il-messagg taghha ahjar. Certu parocci qed juzaw mezzi teknologici differenti biex isahhu l-kuntatt taghhom man-nies, ohrajn sfortunatament ghadhom ftit lura. Imma important li l-messagg li jitwassal ikun hemm min jisimghu. Il-Knisja ghandha tahdem aktar biex tattira lin-nies lejha billi twassal messagg rilevanti ghaz-zminijiet u l-problemi tal-llum.

Meta nhatar l-Arcisqof Pawl Cremona bhala Arcisqof ta' Malta kulhadd stenna Arcisqof tan-nies, li jghallem it-tghalim Kristjan billi jinzel fost in-nies. Fil-bidu bdejna naraw l-Arcisqof fost in-nies, mat-tfal, maz-zghazagh f'Paceville u nahseb li dik hija l-haga li n-nies iridu mill-Arcisqof taghhom, iridu bniedem karizmatiku li jaf imur man-nies, kapaci jifhem dak li jkunu ghaddejjin minnu u kapaci jaddatta ruhu ghac-cirkostanzi tan-nies. Wara kollox kif kien il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni li ghalkemm kbir fl-eta xorta kien kapaci jattira l-miljuni warajh mill-kontinenti differenti tad-dinja. Imma biex jirnexxilu jaghmel dan irid ikun proattiv u jitkellem dwar dawk l-affarijiet li verament jaghmlu gid lill-bniedem.

Nixtieq nara Arcisqof li jitkellem dwar il-problemi tal-familja, jew id-diffikultajiet li jiltaqghu maghhom iz-zghazagh, dwar il-haddiema li jigu sfruttati, dwar haddiema li lanqas jinghataw il-minimum wage jew haddiema li ma jithallewx jidhlu f'union.

Illum il-gurnata in-nies m'ghadhiex tghama bit-tlellix jew l-estetika biss, imma n-nies trid il-kontenut. Trid tifhem ghaliex il-pozizzjoni tal-Knisja hija mod u mhux mod iehor. In-nies trid tanalizza u tasal ghal konkluzjonijiet ta' x'inhu tajjeb u x'mhux tajjeb. Il-Knisja ghandha turi li qed timpenja ruhha biex tibni dinja ahjar, trid tkun attiva u fejn ikun qed isir il-hazin titkellem. Huwa d-dmir tal-knisja bhal m'hu d-dmir ta' kull nisrani li titkellem kontra l-ingustizzji anke' jekk dawn l-

ingustizzji jkunu qed isiru f'pajjizna stess. Il-knisja ghandha tinteressa ruhha fil-politika, mhux fil-politika fis-sens ta' partiti imma fil-politika ngenerali ghax kull decizjoni li tittiehed taffettwa d-dinjita tal-bniedem.

Ghalkemm il-knisja ghandha timxi mill-ideja ta' knisja li sempliciment tippriedka, madanakollu ma nahsibx li l-knisja ghandha tibqa passiva u tilghabha tan-newtrali f'dawk il-principji li huma bazici ghat-taghlim nisrani. Imma l-knisja jekk verament temmen f'dak li tghallem ghandha ggib argument sodi li jisostanzjaw dak li tkun qed tghallem biex verament tikkonvinci bl-argumenti u mhux sempliciment billi tghid li haga hija tajba ghax hekk tghid il-Knisja.

L-isfidi quddiem il-knisja f'dawn iz-zminijiet huma kbar, imma hekk ukoll ir-rizultati li jirnexxilha tikseb il-knisja jekk flok tbieghed lin-nies u liz-zghazagh jirnexxielha tressaqhom eqreb lejha anke' billi sempliciment tibda mill-quddies li ssir fejn il-Knisja tista' tuza l-mezz ta' kommunikazzjoni b'sahhtu li ghandha bl-aktar mod effettiv jekk il-qassisin jirnexxilhom jaghmlu quddies li permezz taghha jippartecipaw dawk prezenti biex ihossuhom li huma m'humiex semplici telespettaturi imma huma l-partecipanti.